IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## GĦALL-EŻAMINATURI BISS

**Il-films u l-influwenza tagħhom fuq il-bniedem**

- **Tista' ssemmili tipi/ġeneri differenti ta' films li jeżistu? Lilek x'tip ta' films jogħġbok l-aktar?**
- **Tapprezza t-teknika ta' kif ikun maħdum il-film?** L-avvanzi straordinarji fit-teknika ċinematografika
- **Taħseb li l-films jirrakkuntaw il-verità, ir-realtà, jew dak li l-produtturi jaħsbu li jridu jaraw in-nies?**
- **Taħseb li l-films jinkoraġġixxu ideali foloz – vjolenza, sess, qtil, serq, rikatt, infedeltà?**
- **Taħseb li huwa faċli li min ma jkunx matur biżżejjed jista' jinfluwenza ruħu?**
- **Taħseb li ż-żgħażagħ biss jinfluwenzaw ruħhom?**
- **Għaldaqstant, l-influwenza tal-films fuq il-bnedmin hija ta' ħsara jew ta' ġid?**
- **Taħseb li xi films huma ta' ispirazzjoni u ta' tagħlim/valur edukattiv? Agħti xi eżempji.** Xi films sikwit joffru l-ideali: jitkellmu dwar l-eroj, dwar l-imħabba, dwar il-lealtà. Il-films kapaċi jispirawk u jħeġġuk biex tħaddan u tippromwovi ċerti ideali.
- **Taħseb li l-messaġġ tal-film u dak tal-ħajja personali tal-attur/direttur iridu jaqblu flimkien? Taħseb li n-nies kapaċi jifirduhom?**
- **Taħseb li d-diretturi/*producers*/atturi – jikkonvinċu dejjem? Taħseb li huma mudelli għall-ħajja? Tammirahom u timitahom lill-artisti?**
- **Tista' tgħidli xi ħaġa dwar is-seksik fuq il-ħajja tal-artisti?**
- **Taf tgħidli xi ħaġa dwar l-industrija tal-films u dwar il-produzzjoni tagħhom f'Malta?** Xogħol għal ħafna nies, qligħ ta' flus għall-pajjiż...
- **Taħseb li n-nies, qabel imorru jaraw film, ifittxu xi tagħrif fuqu fuq l-internet jew fuq xi magażins speċjalizzati?**
- **Iċ-ċensura hija meħtieġa jew kulħadd għandu jara x'jgħodd għalih?**
- **Taħseb li kulħadd huwa edukat biżżejjed biex jagħżel dak li huwa tajjeb għalih?**
- **Iċ-ċensura għandha tapplika bl-istess mod għal nies b'livell ta' edukazzjoni/esperjenza differenti?**

## L-omm

- **Xi tfisser li tkun omm għal ħafna nies?** – Imħabba – sagrifiċċju – fehma – dejjem hemm għalik
- **Taħseb li huwa ħażin meta neħduha *for granted*?**
- **Għaliex taħseb li ta' spiss jinqalgħu l-konflitti bejn l-ulied u l-omm?** Esperjenzi differenti tal-ħajja
- **Taħseb li l-omm xorta waħda tibqa' punt ta' riferiment minkejja l-fehma/l-età/il-livell edukattiv differenti?**
- **Taħseb li l-omm annimal għandha l-istess kwalitajiet bħall-omm bniedma?**
- **L-omm annimal kapaċi tieħu ħsieb iż-żgħar tagħha aktar minn omm bniedma?**
- **F'każ ta' separazzjoni taħseb li t-tfal ikunu aħjar mal-omm?**
- **X'taħseb li huma l-problemi ta' omm xebba? X'tip ta' għajnuniet hawn għalihom illum il-ġurnata?**
- **Meta studenta tinqabad tqila meta tkun għadha l-iskola ... x'jista' jsir? Taqbel li tibqa' tmur l-iskola?**
- **Taħseb li hemm differenza bejn l-omm fid-dar u l-omm li taħdem? Għat-tfal? Għall-omm stess? Għas-soċjetà?**
- **Taqbel li lil ommna għandna nuruha li nħobbuha? Kif nistgħu nagħmlu dan?** Bil-fatti u mhux biss bil-paroli ... nixtrulha xi rigal żgħir … inbusuha, anke meta nkunu kbirna ... ma hemm xejn ta' mistħija mbilli tagħmel hekk, anke quddiem in-nies.
- **Jum l-Omm … tiċċelebrah inti għal ommok? Kif tagħmlu speċjali dan il-jum għal ommok?**
- **Taħseb li dawn it-tip ta' ġranet (Jum l-Omm, Jum il-Missier, Jum il-Mara, eċċ) hawn bżonnhom? Jew huma biss kummerċjali?**
- **Taħseb li l-ulied biss għandhom japprezzaw lill-omm?** Rispett lejn l-omm minn żewġha jew is-sieħeb tagħha...
- **X'taħseb li huwa l-akbar sagrifiċċju li tista' tagħmel l-omm għal uliedha?** Issalva t-tarbija fil-ġuf tagħha meta taf li tista' tmut ...

**Il-ħxuna żejda fit-tfal/persuni Maltin**

- **Taħseb li ż-żieda fin-numru ta' tfal/persuni obeżi hi inkwetanti? Għaliex?**
- **X'qed iwassal għal din iż-żieda?** Wisq ħlewwiet, *fast food*, ikel b'ħafna zokkor, ikel lest li ma jissajjarx id-dar
- **Taqbel li għandha ssir liġi biex ikel bħal dan tiddaħħal taxxa addizzjonali fuqu?**
- **Taħseb li l-obeżità hija wkoll riżultat tal-użu żejjed tal-karozzi?**
- **Taħseb li hemm differenza bejn l-ikel li nieklu d-dar u l-ikel li nieklu minn barra?**
- **L-eżerċizzju fiżiku: it-tfal m'għadhomx jiġru u jilagħbu barra, imma qed jipprattikaw xi attività sportiva minflok?**
- **Taħseb li għad fadal tfal li jagħżlu li ma jagħmlux lezzjoni tal-PE l-iskola? Għaliex?**
- **L-importanza ta' dieta tajba qed tiġi mgħallma fl-iskejjel?**
- **Il-passatempi qed isiru iktar sedentarji?** (Bilqiegħda tara t-televixin jew tilgħab bil-*video games* flok ġiri barra)
- **Taħseb li jekk il-ġenituri jkunu obeżi hemm aktar ċans li wliedhom ukoll ikunu obeżi?**
- **X'inhuma l-konsegwenzi tal-obeżità?** Mard, dijabete, *eating disorders* (eż: bulimja), problemi fin-nifs, fl-irqad…
- **L-ambjent ta' madwarna kemm qed jgħinna nżommu dieta tajba?** Ibbumbardjati bir-reklami fil-gazzetti, fuq it-televixin, fit-toroq...
- **Taħseb li l-midja qed tgħin biżżejjed biex teduka lill-poplu jiekol ikel tajjeb?** Kontradizzjoni: programmi fuq is-saħħa u d-dieta u programmi fuq tisjir rikk mimli kaloriji
- **Taħseb li hemm problemi psikoloġiċi u soċjali marbuta mal-obeżità?** Kummenti u ġudizzji dwar persuni obeżi minn persuni oħrajn
- **Taħseb li jeżistu forom ta' diskriminazzjoni kontra l-persuni obeżi? Tista' ssemmi xi wħud minnhom?**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-films u l-influwenza tagħhom fuq il-bniedem

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o1k.15m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-omm

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-ħxuna żejda fit-tfal/persuni Maltin

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

**Id-dinja tax-xogħol**

- **Taħseb li x-xogħol huwa meħtieġ jew huwa kastig?**
- **Ix-xogħol għall-bniedem jew il-bniedem għax-xogħol? X'taħseb?**
- **Liema tip ta' xogħol taħseb li huwa l-aktar diffiċli, xogħol tal-ħsieb u taħbil il-moħħ jew xogħol manwali?**
- **Taħseb li x-xogħol jista' jinfluwenza l-karattru tal-bniedem? Kif?**
- **Il-qawl Malti jgħid "Ix-xogħol salmura tal-ġisem". Taf xi jfisser? Taqbel miegħu?**
- **X'inhuma l-vantaġġi marbutin max-xogħol?**
- **Taħseb li x-xogħol jista' jagħtik sodisfazzjon?**
- **Tista' ssemmi xi valuri marbutin max-xogħol?**
- **X'inhuma l-iżvantaġġi marbutin max-xogħol?**
- **Tista' ssemmi xi abbużi u problemi fuq il-postijiet tax-xogħol?**
- **Taħseb li aħna l-Maltin nieħdu prekawzjonijiet biżżejjed biex nipproteġu ruħna fuq ix-xogħol?**
- **Taħseb li d-dinja tax-xogħol tista' tkun ta' tentazzjoni u ttellef lil bosta studenti milli jkomplu jistudjaw?**
- **Taħseb li l-għaqdiet tal-ħaddiema (il-*unions*) huma meħtieġa? Jekk iva, x'għandu jkun is-sehem tagħhom?**
- **Taħseb li l-ħaddiem Malti jaf biżżejjed dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu fuq ix-xogħol?**
- **X'sehem taħseb li għandhom it-teknoloġija u r-riċerka fil-qasam tax-xogħol?**

**L-istipendju lill-istudenti**

- **Għaliex jingħata l-istipendju?**
- **Għandu jingħata lill-istudenti kollha?**
- **Taħseb li l-ammont li jingħata huwa biżżejjed għall-ispejjeż li jkollu student?**
- **Għandha ssir għażla bbażata fuq il-qagħda finanzjarja tal-istudenti u l-familja tagħhom?**
- **Korsijiet differenti – stipendji differenti: Taqbel?**
- **Taħseb li bl-istipendju nkunu qed infissdu żżejjed lill-istudenti Maltin?** F'ħafna pajjiżi l-istudenti jkollhom iħallsu biex jistudjaw u mhux jitħallsu talli jistudjaw.
- **L-istipendju għandu jingħata matul il-kors kollu ta' studju?**
- **L-istudenti huma maturi biżżejjed biex jużaw l-istipendju b'mod tajjeb?**
- **Fuq xiex jintefqu l-flus li jingħataw?**
- **Taqbel mat-tneħħija tal-i*smart card* ?**
- **Taħseb li l-istipendji huma piż żejjed fuq il-kumplament taċ-ċittadini?**
- **Taqbel li l-istudenti għandhom jirritornaw l-istipendju li jkunu rċivew matul l-istudju tagħhom meta jibdew jaħdmu? Jew tal-anqas parti minnu?**

**It-traffiku fit-toroq Maltin**

- **Skont studju mill-Università ta' Malta, il-Maltin iqattgħu 52 siegħa fis-sena maqbudin fit-traffiku. Xi jfisser dan għalik?** Ħela ta' ħin, dewmien żejjed biex tasal minn post għall-ieħor, tasal tard...
- **Xi jwassal għal dan it-traffiku kollu?**
- **In-numru ta' karozzi fil-familji qed jiżdied. Kull familja għandu jkollha karozza waħda biss?**
- **Għaliex xi żgħażagħ jixtru karozza malli jagħlqu 18? Taħseb li huma l-maġġoranza li jagħmlu hekk?**
- **L-età biex wieħed iġib il-liċenzja għandha togħla?**
- **It-toroq tagħna jifilħu dawn il-karozzi kollha? Għaliex?**
- **L-inċidenti tat-traffiku dejjem jiżdiedu. X'jikkawża dawn l-inċidenti?**
- **Taħseb li f'pajjiżna qed tingħata edukazzjoni biżżejjed dwar sewqan responsabbli?**
- **Taħseb li dan il-ħafna traffiku fit-toroq tagħna jikkawża stress fuq is-sewwieq?**
- **Ġieli smajt bil-frażi "ir-rabja tas-sewwieq"? X'taħseb li tfisser?**
- **Taħseb li l-karattru u l-psikoloġija tas-sewwieq jinfluwenzaw il-mod tas-sewqan tiegħu?** (kalma, ubbidjenza tal-liġi, altruwiżmu, xi ħadd nervuż...)
- **Il-karozza twasslek biex titgħażżen?**
- **Hemm xi soluzzjonijiet biex innaqqsu l-karozzi mit-toroq?**
- **X'taħseb fuq it-trasport pubbliku?**
- **It-trasport b'mezzi oħra jista' jkun soluzzjoni biex innaqqsu t-traffiku fit-toroq? Liema mezzi oħra taħseb li jistgħu japplikaw għal pajjiżna?**
- **Il-Maltin huma sewwieqa tajbin?**
- **Jgħidu li n-nisa huma sewwieqa aħjar mill-irġiel. Taqbel?**

IM22o2k.15m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Id-dinja tax-xogħol

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.15m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-istipendju lill-istudenti

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 24 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# It-traffiku fit-toroq Maltin

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## GĦALL-EŻAMINATURI BISS

**Il-kunsilli lokali**

- **X'inhuma l-kunsilli lokali?** Dawn huma l-aktar forma bażika ta' tmexxija lokali, u ma hemmx livelli oħra ta' tmexxija bejnhom u l-Gvern ċentrali tal-ġurnata. Immexxijin minn ċittadini komuni, kulħadd jista' jikkontesta l-elezzjoni ... differenza mill-elezzjoni ġenerali fejn ħafna drabi jikkontestaw professjonisti.
- **X'differenza/differenzi hemm bejn il-kunsilli lokali u l-Gvern ċentrali?**
- **Taħseb li għandna tassew bżonnhom il-kunsilli lokali jew bi Gvern ċentrali wieħed moqdijin?**
- **Tista' ssemmi xi ftit mix-xogħol li jagħmlu l-kunsilli lokali?** Kontroll fuq aspetti differenti/organizzazzjoni tal-ħajja tar-raħal/belt ... it-traffiku, xogħlijiet ta' titjib fit-toroq, titjib f'attivitajiet soċjali...
- **Taħseb li l-kunsill lokali fir-raħal tiegħek huwa effettiv u effiċjenti biżżejjed?**
- **Tista' ssemmi xi proġett/i li għamel il-kunsill lokali tiegħek f'dawn l-aħħar snin?**
- **Taħseb li dan il-proġett/dawn il-proġetti kien/kienu tassew utli għal-lokalità tiegħek? Kif intlaqa'/intlaqgħu min-nies tal-lokalità?**
- **Kif jistgħu r-residenti jsemmgħu leħinhom mal-kunsill lokali?**
- **Taħseb li żgħażagħ ta' 16–il sena huma maturi biżżejjed biex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali?**
- **Taqbel li l-kunsill lokali għandu jkollu rabta mal-partiti politiċi?**
- **Taħseb li bil-kunsilli lokali hemm aktar lok għal korruzzjoni?**
- **Kieku inti x'tibdel fil-format tal-kunsilli lokali?**
- **Titħajjar issir kunsillier tar-raħal/belt tiegħek? Għaliex iva jew le?**

## L-emozzjonijiet fil-bniedem

- **Xi tfisser 'emozzjoni' għalik?**
- **Tista' tagħtini eżempju ta' emozzjonijiet pożittivi u emozzjonijiet negattivi?** (il-biża' – ir-rabja – id-dwejjaq – il-ferħ – l-imħabba – is-sorpriża...)
- **Taħseb li l-emozzjonijiet tagħna nesprimuhom biss bil-kliem?** Movimenti tal-wiċċ, ġestikolazzjoni... ukoll jistgħu jesprimu emozzjonijiet varji... tbissim, rabja, daħk, biki, biża' ...
- **Taħseb li għandna kontroll fuq l-emozzjonijiet tagħna?** Espressjonijiet emozzjonali jistgħu jseħħu mingħajr ma nintebħu ... ta' mibegħda, kurżità, dubju, għeja, ansjetà, uġigħ il-qalb, eċċitament, kburija, dwejjaq, dipressjoni, ferħ ...
- **Taħseb li kulħadd juri l-emozzjonijiet tiegħu bl-istess mod?**
- **Taħseb li xi kultant għandna rrażżnu l-emozzjonijiet tagħna? Meta? Fejn? Għaliex?**
- **Taħseb li meta rrażżnu l-emozzjonijiet tagħna nkunu faċċoli?**
- **Taħseb li hija normali li xi drabi l-istess individwu jkollu emozzjonijiet li jimxu kontra xulxin?** eż. rabja – kalma; ħbiberija/imħabba – sens ta' mibegħda; biża' – kuraġġ; mistħija – kunfidenza; ħniena – krudeltà; paċenzja – rabja; rilassament – stress; għira – rieda tajba.
- **Dawn l-emozzjonijiet jiddependu minn fatturi oħra?** (L-ambjent li ngħixu fih, iċ-ċirkustanzi, it-trobbija tagħna...)
- **Taħseb li l-emozzjonijiet tagħna nirtuhom ġenetikament?**
- **Taħseb li l-bniedem jifhem dejjem l-emozzjonijiet ġewwiena tiegħu?**
- **Taħseb li l-emozzjonijiet jistgħu jikxfu dak il-bniedem xi jkun?**
- **Huwa tal-mistħija li bniedem juri l-emozzjonijiet tiegħu fil-pubbliku? Semmi xi emozzjonijiet li ma tistax turihom quddiem kulħadd u xi emozzjonijiet li tista' taqsamhom ma' ħaddieħor fil-pubbliku.**

L-eżamijiet

- **Kif tħares lejn il-perjodu li fih tkun qed tagħmel l-eżamijiet?**
- **X'effett jista' jkollhom l-eżamijiet fuq l-istudent?** Minn ġimgħat qabel jibda l-istress u l-ansjetà, l-inkwiet, in-nuqqas ta' rqad, tibda t-tensjoni, il-ġlied ma' tal-familja...
- **Kulħadd jagħti l-100% tiegħu waqt eżami? Għaliex?**
- **F'każ li student ikun tajjeb, u dakinhar tal-eżami jkun ma jiflaħx u ma jagħtix dak kollu li jaf, huwa tajjeb li jista' jitlef sena mill-istudji tiegħu minħabba f'hekk?**
- **X'jidhirlek mis-sistema sħiħa tal-eżamijiet? Taħseb li hija ġusta?**
- **Ir-riżultat tal-eżami jixhed tassew dak li taf?**
- **Taħseb li l-eżamijiet isiru tassew biex inkunu nafu x'jaf l-istudent jew biex inkunu nafu x'ma jafx?**
- **Taħseb li meta tagħmel 6 eżamijiet f'daqqa juri li int aktar bravu milli meta tagħmilhom separatament?**
- **X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-eżami orali?**
- **Taħseb li nistgħu ngħaddu mingħajr eżamijiet? Għaliex?**
- **X'jista' jsir minflok l-eżamijiet? Alternattivi?**
- **Is-sistema ta' assessjar, waħedha, minflok eżamijiet, hija tajba biżżejjed?** L-istudent hawn jista' jqarraq għax ix-xogħol jista' ma jkunx għamlu hu.
- **Taħseb li fis-sistema tagħna hemm wisq suġġetti li rridu nagħmlu eżami tagħhom?**
- **Tista' tagħtini xi suġġerimenti ta' x'jista' jidħol bħala suġġetti fis-sillabi? U liema suġġetti teżamina, u liema le?**
- **Ħdejn il-pajjiżi l-oħra Ewropej u mhumiex, aħna nippretendu żżejjed mill-istudenti tagħna?**
- **Taqbel li l-karti tal-eżamijiet għandhom jiġu kkoreġuti minn għalliema li ma jgħallmukx?**
- **Jistgħu l-karti tal-eżamijiet ikunu aktar dħulin mal-istudent (*student friendly*)? Jekk iva, kif?**
- **Taħseb li tista' tkun tajjeb f'suġġett u teħel fl-eżami tiegħu minħabba l-lingwa tal-mistoqsijiet? X'jista' jsir f'każi bħal dawn?**
- **Taqbel li f'karti tal-eżamijiet għandu jkun hemm mistoqsijiet intiżi biex lill-istudent jaqbduh f'nassa? L-istudent ma għandux ikun lest għal kull tip ta' mistoqsija?**

IM22o3k.15m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-kunsilli lokali

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o3k.15m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-emozzjonijiet fil-bniedem

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.15m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 25 ta' Marzu 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-eżamijiet

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 16 ta' Mejju 2015 |
| **ĦIN:** | mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Id-daħla tal-Belt
2. Il-bniedem l-akbar għadu tiegħu nnifsu
3. Vaganza tal-ħolm
4. L-anzjana li toqgħod ħdejna
5. Malta fix-xitwa

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Iddiskuti l-proċessi morfoloġiċi li bihom jinbena l-kliem fil-Malti.
2. "Meta s-sens ta' kelma jinbidel, ma sseħħx xi bidla bl-addoċċ." Iddiskuti din l-istqarrija ta' Ġorġ Doublesin fid-dawl tat-tipi ta' bdil li nosservaw fit-tifsir.
3. Uri kif l-ilsien Malti huwa mħallat kemm fuq il-livell lessikali u kemm fuq il-livell morfoloġiku.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. Il-poeti Maltin jiktbu dwar l-istorja ta' Malta b'mod li jibnu stampa ta' ġens b'karatteristiċi komuni li, kemm fil-mumenti ta' glorja kif ukoll fil-mumenti ta' twegħir, xorta jagħmlu minnhom ġens wieħed. X'inhuma dawn il-karatteristiċi li fl-aħħar mill-aħħar, skont il-poeti jgħaqqdu lill-Maltin f'ġens wieħed?

2. Fil-pajsaġġ Malti l-poeti jaraw rifless ta' dak li tixxennaq għalih ruħhom, tas-sabiħ li jfittxu u li jimlielhom ħajjithom. Għalhekk, meta l-Maltin stess jagħmlu l-ħsara lill-ambjent naturali, il-poeti jeħduha bħala theddida għall-għajxien innifsu tal-bniedem. Iddiskuti kif jiktbu dwar dan is-seħer tal-pajsaġġ u kif jipprotestaw meta jarawh qed jinqered.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. "Il-kotba," jgħid is-Sur Kelin Miksat lil Leli Braġ u Pawlu Sulnata, "huma l-għaxqa tiegħi; u għad illi xagħri bjad, bqajt dejjem mixtieq għat-tagħlim; u ma nixba' qatt naqra. Fihom biss insib il-hena tiegħi; u waqtiet nixtieqni għadni żagħżugħ bħalkom u nixtieq li għajnejja għadhom jifilħu bħalma kienu dari ħalli kont inqatta' l-jiem sħaħ naqra." Iddiskuti s-sehem ewlieni tal-qari u l-kotba fir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir*.

2. L-imħabba u t-tradiment huma temi importanti fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer. X'sehem għandhom fl-istorja mqallba tal-protagonista u f'dik tal-mara tiegħu Vira?

3. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, ħafna membri tas-soċjetà jesprimu suspett fil-bniedem barrani li jiġi fosthom, u jitolbu li dan il-"frustier" jiġi eżaminat mill-pulizija. Iddiskuti d-dramm bħala kunflitt bejn id-drawwiet tas-soċjetà u l-attitudni differenti tal-barrani.

4. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, il-bniedem b'rieda ħielsa faċilment jiġi ingannat mis-sens ta' sigurtà li toffri l-konformità soċjali. Iddiskuti b'referenza kontinwa għad-dramm.